MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Numru. 917/2010

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Richard Attard, iben Richard, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Diċembru, 1981, karta ta’ l-identita’ numru 662281(M)
u
Keith Cremona, iben Francis, imwieled Pieta’ fit-23 ta’ Novembru, 1987, karta ta’ l-identita’ numru 530687(M)
u
Rion Azzopardi, iben John, imwieled Pieta’ fil-15 ta’ Marzu, 1988, karta ta’ l-identtia’ numru 146288(M)
u
Branden Grixti, iben Vincenza Grixti, imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Frar, 1993, karta ta’ l-identita’ numru 104393(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fid-29 ta' Mejju, 2010 għal ħabta tal-10.00 a.m. u ħinijiet qabel waqt li kienu fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin:
1. mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mohamed Haga, priġunier fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, liema ferita ġabitlu mankament jew sfreġju f'wiċċu u li din il-ferita setgħet ġabet perikolu tal-ħajja u ta' debulizza permanenti fis-sasħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem skont ma ċċertifikaw Dr. Anthony Xuereb miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid u Dr. C. Camenzuli mill-Isptar Mater Dei;
2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi użaw arma irregolari (siġġijiet) fuq il-persuna ta' Mohamed Haga;
3. saru reċidivi b'diverai sentenzi tal-Qorti mogħtija lilhom, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Mohamed Haga u tapplika l-provvedimenti ta' l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-każ jirrigwarda ġlieda li grat fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fejn weġġa Mohamed Haga.

Illi mill-provi prodotti ma hemm ebda prova li tindika ċar li kienu l-imputati li wettqu l-feriti li ġarrbet il-persuna hawn fuq imsemmija.

Illi fil-mori tal-kawża l-imsemmi Mohammed Haga siefer minn dawn il-Gżejjer u għalhekk x-xhud ewlieni ma offriex ix-xhieda tiegħu u għalhekk ġiet nieqsa l-aħjar prova lill-prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------